# "PRINĊEP TA' MALTA"

## *Kronaka tas-Saltna tal Granmastru Emanuel Pinto.*

*Mużika (bħala introduzzjoni) — "Finlandia" (Sibelius) ma' tul il-prologu — "Moonlight Sonata" (Beethoven)*

PROLOGU: Lejla b'żiffa ħelwa, il-qamar jistaħba wara sħabiet żgħar, jerġa' jixref u dlonk jinħeba mill-ġdid. Mid-dehra tiegħu l-qamar ma kienx bi ħsiebu jaqdi dmiru billi jdawwal dik il-lejla sajfija, iktarx ukoll għax is-sħab kien qed ifixklu. Dak in-nhar ma kellix fejn immur u rsaqt sal-pjazza tal 'Main Guard'. Qabbadt sigarrett u qgħadt nistrieħ ma' kanun milli kien hemm faċċata.

Fettilli nħares lejn il quddiem tal-kanun. B'ittri maqlugħin il barra fil-bronż ileqq biż-żmien, kien hemm isem — *"L'animoso"*. Isem tajjeb għal kanun, ħsibt bejni u bejn ruħi; ma setax ikun aħjar!

Ħarsti daret għal ftit lura minn nofs il-kanun. Kien hemm imnaqqxa arma. F'żewġt iqsma tagħha salib u fit-tnejn l-oħra ħamest infas ta' qmura. F'ras l-arma hemm kuruna mgħottija bħal tas-slaten. Malajr intbaħt li dik kienet l-arma tal-Grammastru Pinto.

Mela, dan ix-xwejjaħ kap ta' l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann kien semma wieħed mill-kanuni tiegħu *'l'animoso'*. Donnu ġie min qalli li dan l-isem jixraq u joqgħod ukoll għall-karattru ta' dan il-Kavalier Portugiż.

*Mużika titbaxxa. Arloġġ idoqq id-disgħa.*

F'daqqa waħda nisma' tokki ħelwa ta' arloġġ idoqqu d-disgħa. Inħares quddiemi. Il-Palazz! Qed iħabbar il-ħin l-arloġġ sabiħ li l-Grammastru Pinto waqqaf fil-bitħa ta' fuq. Nisthajjilni qed nara l-istatwi ta' lsiera Torok jagħtu bil-mazza tal-bronż fuq il-qniepen ta' l-arloġġ.

Kif komt nitħasseb fuq l-arloġġ ta' Pinto, idi x-xellugija bla ma naf kif telgħet mal-pavru tal-ġlekk. Subgħajja bdew idawru 'badge, li kelli fl-aċċetta. Kienet il-badge ta' l-Università. Qlajtha u ħarist lejha. Kellha l-arma ta' Pinto fuq l-ilwien ta' Malta — l-abjad u aħmar, bi ktieb f'nofshom. Fuq il-ktieb hemm il-kelmiet "Ut fructificemus Deo".

Ftakart li l-arma ta' Pinto kienet fil-badge għax kien hu li waqqaf l-Università tagħna, li ma tul iż-żmien baqgħet tgħallem l-aqwa mħuħ Maltin. Ried ikun il-Grammastru Pinto biex ta lil Malta Università. Għalhekk jixraq ħafna li l-arma tiegħu tidħol fil-badge.

Wara ftit bdejt miexi lejn id-dar moħħi jhewden fuq dan il-ħali ta' Fra Don Emanuel Pinto de Fonçeca Texeira de Sousa, Kavalier Portugiż li laħaq Grammastru u li kien iridha ta' Sultan.

Kif kont miexi nhewden waħdi, il-qamar tfaċċa ċar u jleqq qisu disk tal-fidda f'sema ikħal daqs in-nir. Malli l-qamar induna li jien kont qed naħseb f'Pinto, bħaldonnu rabba l-ħila u keċċa s-sħab minn quddiemu għax deher li ried ikun jaf iżjed fuq dak li kien għaddej fi ħsiebi. Kien jinteressah il-qamar għax hu kien jafu tajjeb lil Pinto. Dam jafu tnejn u tletin sena u sitt ijiem bħala Grammastru ta' l-Ordni, barra minn bosta snin qabel bħala Kavalier. Billi għaddew xi ftit tas-snin ġmielhom minn dak iż-żmien ried jerġa' jiftakar fl-imgħoddi ħlejju. Bil-qajla l-qajla ftakar f'lejla meta Pinto ma qaribu l-Kavalier Francesco Guedes kien qed jagħmel passiġġata wara nżul ix-xemx u semagħhom jitħaddtu bejniethom.

*Mużika titbaxxa sakemm tispiċċa.*
*Jinstemgħu l-ilħna dejjem iktar ċar.*

PINTO: Francesco, x'taħseb li ser jiġri għada?

GUEDES: Qed tgħid għall-elezzjoni, Illustrissmu?

PINTO: Fhimtni tajjeb, Francesco.

GUEDES: M'għandek x'taħseb xejn, Illustrissmu. Il-Balliju Don Emanuel Pinto għada jsir l-Eminenza l-Grammastru.

PINTO: Nixtieq b'qalbi kollha li kelli xi ftit mill-ottimiżmu tiegħek, ħabib, imma l-Araguniżi nibża' minnhom daqs kemm ma naħmilx lill-Inkiżitur.

GUEDES: Serraħ rasek, Illustrissmu. Fit-trijumvirat ebda wieħed ma jingħażel. L-iktar li jista' jsir hu li jitilgħu xi tnejn minnhom — żgur li mhux iżjed — mis-sittax. Jien ħadt ħsieb ta' kollox. Mill-Auberge d'Alemagne li kif taf int qatt ma ħamlu lill-Araguniżi, għarrfuni li l-Kavalier ta' l-Elezzjoni iktarx ikun wieħed minn tagħhom.

PINTO: Il-Kummendatur Bernhard Daugerans?

GUEDES: Sewwa sew, u meta jkun hemm il-Kavalier tat-Trijumvirat magħna, tista' tibqa' żgur li l-Ordni jerġa' jkollha Grammastru Portugiż.

PINTO: Int ser tingħażel?

GUEDES: Iva, imma fl-aħħar, ħalli ma nagħtux wisq fil-għajn. Fit-trijumvirat, kif issuġġerejt int, Illustrissmu, ikollna l-Kappillan Francesco de Sylva.

PINTO: F'kollox taħseb, int, Francesco. L-Ordni u Malta, jekk Alla jrid, ikollhom Grammastru u Prinċep li qatt ma raw bħalu u l-Grammastru jkollu Viċi-Kanċillier tiegħu l-iktar Kavalier intelliġenti u ta' ħila, Don Francesco Guedes Perejra de Meganthes.

GUEDES: Grazzi, Eminenza, grazzi ta' l-unur. Żgur li ma jixraqx lil Kavalier bħali.

PINTO: 'Eminenza' minn issa qed issejjaħli?

GUEDES: Ftit sigħat oħra, hekk isejjaħlek kulħadd. Iżda le. Don Emanuel Pinto de Fonçeca Texeira de Sousa jixraq li jkun xi ħaġa aqwa; ma jkunx bħal ħaddieħor. Il-Grammastru Portugiż mhux Eminenza jissejjaħ, iżda "Altezza wisq Eminenti".

PINTO: Grazzi, grazzi ħafna Franċ... ridt ngħid Eċċellenza, Balliju ta' l-Ajkla u Viċi-Kanċillier ta' l-Altezza Tiegħu wisq Eminenti, il-Grammastru Pinto de Fonçeca. (*Jinfexx jidħaq. Guedes jidħaq ftit imqanżaħ, imbagħad jinfaqa' f'daħqa kbira*).

*Daħk u passi jitbegħdu.*
*Mużika (daqq ta' l-orgni) — Reflection.*

KOMMENTARJU: L-għada, is-17 ta' Jannar, 1740 fis-6 ta' filgħodu ġewwa l-Knisja Konventwali ta' San Ġwann bdiet iċ-ċerimonja ta' l-elezzjoni għal Grammastru b'quddiesa solenni kantata ta' l-Ispirtu s-Santu. Fil-knisja hemm il-Kavalieri kollha miġburin, kif ukoll il-kleru, nobbli u kapijiet oħra Maltin. (1)

Meta spiċċat il-quddiesa u wara li ngħatat il-barka, bdiet l-elezzjoni. Il-Kavalieri tqassmu fil-kappelli tal-Lin-

(1) Id-deskrizzjoni tal-ħatra tal-Grammastru meħuda minn *Liber Conciliorum*. Vol. 147.

gwi tagħhom biex ħatru tliet rappreżentanti għal kull lingwa. Dawn l-erbgħa u għoxrin kandidat—għax tmien lingwi kien hemm , dawk ta' Allemagne, Kastilja, Auvergne, Aragona, Italja, Franza, Provence u Ingilterra—inġabru fil-Korsija biex jaħtru t-trijumvirat.

*Mużika titbaxxa — Daqq ta' Trombi — Investiture.*

KAVALIER: It-trijumvirat hu magħmul kif ser ngħid: Kavalier tal-Ġustizzja — L-Illustrissmu Kummendatur Bernhard Daugerans tal-Lingwa t'Allemagne, Kappillan Konventwali — ir-Reverendissmu Frater Francesco de Sylva, Servjent ta' l-Armi, Frater Ludovik Frin tal-lingwa ta' Franza.

*Jerġa' jinstema' l-orgni (Reflection)*

KUMMENTARJU: It-trijumvirat ħatar membru ieħor u l-kwadrumvirat ieħor u baqgħu sejrin hekk sa kemm saru sittax. Dawn is-sittax inġabru u flimkien qerru u tqarbnu Wara bit-torċi jixilgħu f'idejhom, wieħed wara l-ieħor, ħadu l-ġurament. Beda l-kavalier ta' l-Elezzjoni, il-Kummendatur Daugerans.

*Mużika titbaxxa.*

DAUGERANS: Jiena, Kummendatur, Bernhard Daugerans, inwiegħed u naħlef fuq din l-Għuda tas-Salib Imqaddes, fuq il-Vanġelu tal-Mulej, fuq il-kliem imqaddes tal-prefazzjoni, li nħalli warajja kull mibgħeda, biża' u mħabba, kull tama ta' qligħ u ġibdiet ħżiena, li jkolli biss għajnejja u moħħi merfugħin lejn il-Mulej u lejn is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, għas-sebħ u t-tifħir ta' Ismu, għal ġieħ tar-Reliġjon Nisranija, għal kobor u għal ħteġijiet ta' l-ordni tagħna, li nagħżel u naħtar bil-ħaqq u skond il-liġi kanonika, skond il-kuxjenza u bir-reqqa, bħala Grammastru ta' l-Isptar ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm u ta' l-Ordni tagħna kollu, minn fost il-membri ta' l-Ordni tagħna ħuti Kavalieri, kemm dawk li qegħdin hawn kif ukoll dawk li m'humiex, Kavalier mitwieled minn żwieġ leġittmu, li jkun kapaċi, tar-ruħ, ta' qalb u rieda tajba u ta' ħila biex jieħu f'idejh il-ħakma u t-tmexxija ta' l-Ordni. Hekk jiena naħlef u nwiegħed biex igħini l-Mulej, l-Għuda mqaddsa tas-

Salib u l-kotba mqaddsa li qed immiss b'idejja. Jekk inqarraq ħalli nkun nistħoqq is-saħta u t-telfien ta' ruħi għal dejjem.

*Jerġa' l-orgni.*

KUMMENTARJU: Wara li s-sittax eletturi lestew mill-ġurament, il-Gran Prijur ta' San Ġwann minn fuq l-Altar il-Kbir qam jagħti l-ġurament lill-Kavalieri kollha miġbura hemm hekk.

GRAN PRIJUR: *(Hafna jgħidu warajh)* Aħna nwegħdu u naħilfu fuq is-salib tal-mantell li naċċettaw bħala Superjur u Grammastru tagħna dak li s-sittax eletturi jaħtru.

*Jerġa' l-orgni.*

KUMMENTARJU: Imbagħad il-Kummendatur Daugerans, il-Kavalier ta' l-Elezzjoni tela' fil-gallerija tal-kor, u b'leħen sod u għoli staqsa għal tliet darbiet.

*Mużika titbaxxa.*

DAUGERANS: Ħuti Kavalieri, taċċettaw li dak li nagħmlu aħna is-sittax ta' l-elezzjoni hu skond il-ħaqq u s-sewwa? Taċċettaw li dak li naħtru aħna, skond ir-rieda tagħna u tagħkom ikun il-Grammastru tal-Ordni Ospitalier Ġerosolmitan?

*Jerġa' l-orgni.*

KUMMENTARJU: Hadd ma qal le, u għalhekk, is-sittax iltaqgħu f'kamra taħt il-kampnar tal-knisja biex jaħtru l-Grammastru. Meta l-elezzjoni tlestiet il-Kummendatur Daugerans reġa' ħareġ fil-gallerija tal-kor u ħabbar:

*Mużika titbaxxa. Daqq tat-trombi — Royal Event.*

DAUGERANS: Aħna hawn illum miġburin bir-rieda t'Alla u bl-għajnuna ta' l-Ispirtu Santu, skond l-istatuti u l-forma li ħallewlna misserijietna, naħtru u noħolqu Grammastru ta' l-Isptar ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, Superjur tar-Reliġjon u l-Ordni tagħna lil-Eminentissimu u Reverendissmu Don Frater Emanuel Pinto li jien f'isem l-ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann u tal-poplu ta' Malta, nitlob 'l Alla li jista' kollox biex iżomm idejh fuqu u jseddqu għal bosta snin. Nixtiequlu minn qalbna Ad Multos Annos.

*Ċapċip kbir. Għajjat ta' "Viva Pinto! Viva Pinto!"*
*Daqq ta' qniepen u sparar ta' kanuni.*

KUMMENTARJU: Issa l-Grammastru l-ġdid qiegħed għarkubtejh jieħu l-ġurament bix-xabla misluta f'idu u jżomm il-Vanġelu b'idu l-oħra quddiem il-Gran Prijur fuq l-Altar il-kbir.

PINTO: Jien, Don Frater Emanuel Pinto, għall-grazzja t'Alla, umli Grammastru tad-Dar Imqaddsa ta' l-Isptar ta' Ġerusalemm u kustodju tal-foqra tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, naħlef u nagħmel wegħda solenni quddiem Alla li jista' kollox, quddiem il-Glorjuża ommu u quddiem San Ġwann Battista, Patrun tagħna, li nħares il-liġijiet tajba u d-drawwiet qodma ta' l-Ordni tagħna li nieħu ħsieb immexxi l-interessi ta' l-Ordni bil-parir tal-Kunsill tal-Venerabbli Balliji, Prijuri u Kavalieri. Hekk Alla jgħini.

KUMMENTARJU: Ftit wara din iċ-ċerimonja, it-Tijatru Manoel kien mimli b'Kavalieri u nobbli għas-serata li ġiet mogħtija b'ġieh il-Grammastru l-ġdid.

Halli naqraw flimkien l-ewwel taqsima tal-programm. "Prologu, għall-ħatra tal-kbir Prinċep Frater Don Emanuel Pinto bħala Grammastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, Prinċep ta' Malta, Għawdex u Rodi, u Sinjur tad-Dominju Rjali ta' Tripli. Poeżija tal-Konti Giovanni Antonio Ciantar. (2)

*Mużika — Siegfried (Wagner).*

ANĠLU: * Ferħana fl-aħħar qed narak, ja Gżira
Bl-hena mimlija.
Jidher il-ferħ ma' kullimkien daħkani,
Kull fejn għajnejk iddawwar
Tilmaħ fuq wiċċ kulħadd il-ferħ ifawwar,
Għax fik isaltan il-Kampjun qalbieni,

(2) L-oriġinal (manuskritt) jinsab fil-Miscellanea Vol. 247 Nru. 16 fil-Bibljoteka Rjali. Fejn immarkat bl-istilla (*) ġie maqlub għall-Malti mill-Avukat Ġorġ Zammit, B.A., LL.D., B.A. (Lond.), B.L.Can (Ruma), u l-bqija mill-Professsur Ġużè Aquilnia B.A., LL.D.,Ph.D. (Lond.).

Il-kbir Manwel, il-qatt mirbuħ, il-qawwi,
Li fuq il-qlub ta' wliedek
Saltan bit-tiebi tal-għamil, ewlieni. *
Ma x'dija kbira feġġet quddiem għajnejja
U min hi dik li n-naħa tiegħi ġejja?
Mill-ilbies li liebsa għani u ta' ġmiel
Tfeġġ kbira u sabiħa il-Kburija:
Raġel ġentili, ħelu f'imġiebtu rżin
Ħdejn il-Kburija qiegħed, hawn ġie biex iqim

KBURIJA: * Din hija l-Art Imbierka, li fid-dija
Ta' ġieh uliedha qalbenin, ixxejjen
Il-ġmiel tal-qamar; * u dan hu
L-Anġlu li jħares dawn il-Gżejjer.
Jixraq mela li qima aħna nagħtuh.
*(lill-Anġlu)* O int, li tħares dina l-Art
Ilqa' l-qima tagħna, O int twajjeb,
Jien l-isem inġib minn tal-Kburija,
Għax wara li għajjejt niġri fis-saltniet
U l-palazzi tal-kbar hawn ridt li niġi
U miegħi nġib lill-Qima
Biex inbaxxu rasna quddiem il-Qalbieni
Li bil-ħniena tas-Sema għan-nies tagħna t-tron tela'.

QIMA: O int li tħares dina l-Art,
Quddiemek jien ninxteħet nagħti qima;
Kun twajjeb li tilqagħna w ħalli lilna
Nieħdu fil-ferħ tiegħek is-sehem tagħna,
Għax dmiri hu li jien inqim l-eroj
U jien naf tassew il-ħila kbira
Li jiġbor fih is-Sultan tagħna ġdid.
Meqjum hu l-isem tiegħu kullimkien,
Fost qalbiena Lusitani, ġieh tat-Tago
Minn renji ta' l-Awrora
Sa fejn ix-xemx ir-raġġi tagħha taħbi
It-Tfajla ta' l-Allat b'għanjietha tfaħħar.

ANĠLU: L-offerta tiegħek togħġobni ħafna għax fil-ħin
Wasaltu intom hawn.
Ta' qalbna wirja annuna nagħtu
Jifraħ tassew is-Sultan ġdid
Bil-Qima tagħkom u t-tifħir tagħkom.
Jekk minn ġewwa l-lvant tad-deheb

Ġdida terġa' titwieled il-Awrora,
B'raġġi imdehba issebbaħ il-għoljiet
U kull għasfur bil-għanja tiegħu
Jagħti tifħir u jagħmel ġieħ,
Hekk jien għas-Sultan tiegħi ġdid
Li bħal kewkba tiddi fis-Smewwiet
Jitla' fuq it-Tron mistħoqq
Għandha t-tifħir jagħti
Kull qalb li lilu tħobb.

KBURIJA: 'ma qima ikbar minni min jista' jagħti
Lis-Sultan il-ġdid?
Jien ta' misserijietu, il-palazzi kbar
Kemm-il darba għażilt għal qagħdiet tiegħi twila.
U meta twieled imbagħad,
Ferraħni u hennini
U dehret fuq in-nieqa il-Kburija
Fejn il-ħabbara ta' li ġej qaribu kienet
U fejnu issa bil-kuruna f'idha.

QIMA: Kont jien ukoll hemmhekka
Fil-jum tat-twelid tiegħu, jum ta' risq.
U lanqas jien ma nqast il-qima
Nagħti l-kobor li jien rajt jitwieled fih.

KBURIJA: Dejjem ma' dwar it-Tron tiegħu kbir
Kull ġid u risq mimlija
B'idi miftuħa ma' dwaru ntir.
Ma' l-iċken xewqa tiegħu
tar-rieda l-iżgħar għelm
Kull ġid f'riġlejh inqiegħed.

ANĠLU: O kif qalbi mtliet b'ferħ hekk kbir
X'ħin nisma' dan il-kliem.
Mela bħali int ukoll f'din l-Art ħanina
l-għamara tiegħek twaqqaf għal żmien twil.

KBURIJA: U fejn ingħix stajt jiena hekk kuntenta,
F'saltna sabiħa u ħabiba?
Ta' Sultanek il-ħanin kbir u qalbieni
Dejjem fidila miegħu int tarani.
Il-ġieħ ta' kobru nħabbar kull fejn nista'.

QIMA: U jien ukoll l-għamara tiegħu inwaqqaf,
Mimlija qima fejn riġlejh, Anġlu wisq twajjeb,
U n-nies ħanina imbagħad minni jitgħallmu

L-ġieħ wisk għoli li jmiss
Lil Sultan hekk twajjeb u ħanin.
Ulied Erebu għalhekk int qis li togħġob
U l-ħajta mdehba ta' ħajtu int qis li ttawwal
U qatt ir-risq ma jonqsu jew l-hena f'qalbu.
* Saltan, saltan, ja qalbieni:
Ismek ġieħ din l-Art ħanina.
Id-Destin iridek, ħieni
Ħajja twila tgħix għalina.
Ma' kull fejn il-Muża ttir
Tagħtek dejjem kull tifħir.
Magħruf ismek ma' kulħadd:
Kobor ġiehek ma jmut qatt. *

*(Ikompli f'għadd ieħor)*

(GUIDO SALIBA.